VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 101 of 2017

ATT DWAR IL-PROVVISTI U S-SERVIZZI (KAP. 117)

Regolamenti tal-2017 dwar ir-Rekwiżizzjoni ta' Spazji Mħaffra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 tal-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi il-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar, wara konsultazzjoni mal-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolament tal-2017 dwar ir-Rekwiżizzjoni ta' Spazji Mħaffra.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ambjent;

"rekwiżizzjonat" tfisser il-persuna li mill-pussess tagħha xi spazji mħaffra jiġi rekwiżizzjonat mill-Ministru;

"rekwiżizzjoni" tfisser l-ordni li bih il-Ministru jieħu l-pussess ta' spazji mħaffra;

"spazji mħaffra" tfisser biċċa art skavata kemm jekk saret permezz ta' estrazzjoni minn fuq wiċċ l-art kemm jekk minn taħt l-art.

Setgħa għal rekwiżizzjoni.

3. Il-Ministru jista', b'ordni ffirmat minnu, jirrekwiżizzjona kull spazji mħaffra minn għand kull rekwiżizzjonat u jista' jagħti dawk id-direttivi li fil-fehma tiegħu jkunu meħtieġa jew espedjenti sabiex isseħħ u titħares ir-rekwiżizzjoni.

Setgħa ta' dħul.

4. Il-Ministru jew kull uffiċjal ieħor awtorizzat minnu jista' jidħol f'kull post bil-ħsieb li tkun assikurata l-osservanza tal-ordni ta' rekwiżizzjoni.

Użu ta' spazji mħaffra rekwiżizzjonat.

5. (1) Il-Ministru jista' juża jew jawtorizza kull persuna biex tuża kull spazji mħaffra rekwiżizzjonati minnu b'dak il-mod u skont dawk il-kundizzjonijiet li jkun jidhrulu xierqa tenut kont xieraq tal-interess pubbliku.

(2) Il-Ministru jista' wkoll, fid-diskrezzjoni tiegħu, jikkonsenja lil xi persuna kull spazji mħaffra rekwiżizzjonati biex jintużaw minn dik il-persuna taħt id-direzzjoni tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi u ta' kull korp jew persuna oħra li l-Ministru

VERŻJONI ELETTRONIKA

jista', b'ordni fil-Gazzetta, jippreskrivi.

Reati u pieni.

6. Kull persuna li tikser jew tonqos li tosserva xi ordni ta' rekwiżizzjoni magħmul mill-Ministru skont ir-regolament 3 jew li tagħmel xi ħaġa jew li tonqos li tagħmel xi ħaġa meta taf jew ikollha raġuni biżżejjed biex tkun taf li dak l-għemil jew in-nuqqas x'aktarx iġib fix-xejn, ifixkel jew itellef l-esekuzzjoni jew it-twettiq ta' xi miżura jew direttiva jew awtorizzazzjoni, li jkollhom x'jaqsmu ma' dik l-ordni ta' rekwiżizzjoni, teħel, meta tinsab ħatja, priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur u multa ta' mhux inqas minn ħames mitt (€500) euro u mhux iżjed minn elfejn u tliet mitt (€2,300) apparti l-kabnċellament ta' kull liċenzja li dik il-persuna jkollha dwar dak l-ispazju mħaffer.

Kumpens.

7. (1) F'nuqqas ta' ftehim bejn il-Ministru u r-rekwiżizzjonat, il-kumpens li għandu jitħallas lil dan ta' l-aħħar għandu jkun dak li jitqies xieraq u raġonevoli fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ minn Bord magħmul kif ġej:

(a) Maġistrat, li jkun nominat mill-Prim Imħallef, bħala Chairman;

(b) persuna nominata mill-Ministru bħala rappreżentant tiegħu; u

(ċ) persuna nominata mir-rekwiżizzjonat bħala rappreżentant tiegħu.

(2) Jekk ir-rekwiżizzjonat ma jinnominax rappreżentant tiegħu fi żmien sebat ijiem minn dak inhar li jiġi mitlub bil-miktub biex jagħmel hekk mill-Ministru, il-Ministru jinnomina huwa t-tielet membru tal-Bord biex jirrappreżenta lir-rekwiżizzjonat.

(3) Qabel ma jibdew il-proċedimenti dwar l-istima tal-kumpens li għandu jitħallas lir-rekwiżizzjonat, il-membri tal-Bord, barra miċ-*Chairman*, għandhom jieħdu quddiem iċ-*Chairman* il-ġurament li jeżaminaw u jiddeċiedu l-kwistjoni li tkun quddiemhom b'ekwità u b'imparzjalità

(4) Il-Bord għandu jirregola l-proċedura tiegħu stess skond ir-regoli tal-ġustizzja naturali u jkollu l-istess setgħat kif mogħtija mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri biex tħarrek xhieda u tisma' xiehda bil-ġurament. It-taħrika tax-xhieda tkun iffirmata miċ-*Chairman* tal-Bord.

Kap. 12.

(5) Ikun hemm appell mid-deċiżjoni tal-Bord quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri) u jingieb permezz ta' rikors li jiġi

VERŻJONI ELETTRONIKA

ppreżentat fi żmien sitt ijiem tax-xogħol mid-data li fiha d-deċiżjoni tal-Bord tkun ingħatat.

Ordni mill-Ministru.

8. Meta persuna jingħatalha l-użu ta' spazju mħaffer rekwiżizzjonat skont dawn ir-regolamenti, sew jekk dik il-persuna tħallas kumpens għal dak l-użu kemm jekk le, il-Ministru, jekk fid-diskrezzjoni tiegħu jkun soddisfatt illi dik il-persuna ma għandhiex tibqa' tagħmel dak l-użu, jista' jordnalha toħroġ minn dak l-ispazju mħaffer u tikkonsenja l-istess spazju mħaffer f'dak iż-żmien li jista' jistabbilixxi l-Ministru bla ma jitqiesu kull dispożizzjonijiet oħra kuntrarji tal-liġi.